MALTA

# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

**MAĠISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tat-13 ta' April, 2005

Numru 58/2005

Il-Pulizija
(Sp Daniel Zammit)
vs
Vincent Scifo, iben Peter,
imwieled Gżira fis-6 ta'
lulju, 1946

Il-Qorti,

Rat l-akkużi kontra l-imputat –

1. talli fit-2 ta' diċembru, 2004 għal ħabta tal-5.00 p.m. ġewwa Triq Ponsonby, Gżira kkaġuna ġrieħi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Peter Caruana;
2. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanżi volontarjament kiser il-bon ordni u il-paċi pubblika b'għajjat u ġlied.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tat-13 ta' april, 2005 fejn il-partijiet qablu li l-feriti li ġarrab Peter Caruana huma ta' natura ħafifa.

Rat il-verbal tas-seduta tat-13 ta' april, 2005 fejn l-imputat obbliga ruħu li l-kelb tiegħu ma jħammeg il-faċċata tal-proprjeta' tal-parte ċivile Peter Caruana, li min-naħa tiegħu in vista ta' din id-dikjarazzjoni ħafer lill-imputat u irtira l-kwerela.

Rat li ma hemm ebda provi oħra.

Għaldaqstant, in vista tad-dikajarazzjoni ta' hawn fuq tiddikjara l-proċediemnt eżawrit dwar l-ewwel akkuża. Ma ssibx lill-imputat ħati tat-tieni akkuża u għalhekk tilliberah minn tali akkuża.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------